IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja
fil-Kawża C-683/24 | Spielerschutz Sigma

Stqarrija għall-Istampa Nru 167/26

Il-Lussemburgu, 19 ta' Novembru 2026

Rinviji għal deċiżjoni preliminari: it-talba għal deċiżjoni preliminari minn qorti Awstrijaka dwar il-konformità tal-leġiżlazzjoni Maltija dwar il-logħob tal-ażżard mad-dritt tal-Unjoni hija inammissibbli

Fil-fatt, ir-risposta għad-domandi preliminari ma hijiex neċessarja għas-soluzzjoni tat-tilwima li għandha quddiemha l-qorti Awstrijaka

Spielerschutz Sigma Prozessfinanzierungs GmbH, kumpannija stabbilita fl-Awstrija, tiffinanzja b'mod partikolari proċeduri ġudizzjarji mibdija, f'dan l-Istat Membru, minn ġugaturi ta' logħob tal-ażżard online li huma ddomiċiljati hemmhekk kontra operaturi ta' dan il-logħob detenturi ta' liċenzji Maltin, għar-raġuni li joffru s-servizzi tagħhom fl-Awstrija mingħajr ma jkollhom il-liċenzja meħtieġa mid-dritt Awstrijak. Din l-assenza ta' liċenzja tippermetti lill-ġugaturi jitolbu r-rimbors tat-telf tagħhom quddiem il-qrati Awstrijaċi. Spielerschutz Sigma għalhekk kisbet, f'isem il-klijenti tagħha, diversi sentenzi li jikkundannaw lil dawn l-operaturi għar-rimbors ta' dan it-telf u qiegħda tfittex li teżegwixxihom f'Malta.

F'Ġunju 2023, il-leġiżlazzjoni Maltija dwar il-logħob tal-ażżard ġiet emendata sabiex tipprojbixxi, minħabba li jmorru kontra l-ordni pubbliku, l-azzjonijiet kontra operaturi tal-logħob tal-azzard detenturi ta' liċenzja Maltija, kif ukoll ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni, mill-qrati Maltin, tad-deċiżjonijiet barranin mogħtija wara tali azzjonijiet.

Sabiex tevalwa r-riskji li din l-emenda leġiżlattiva jista' jkollha fir-rigward tal-attività kummerċjali tagħha, Spielerschutz Sigma talbet il-parir ta' konsulent legali dwar il-kompatibbiltà ta' din l-istess emenda mad-dritt tal-Unjoni. Il-konsulent legali kkonkluda li din tal-aħħar kienet manifestament kuntrarja għal dan id-dritt u li għalhekk ma kinitx ser tiġi applikata fil-proċeduri ta' eżekuzzjoni f'Malta. Sussegwentement, qorti Maltija madankollu ċaħdet talba għar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenza Awstrijaka ppreżentata minn Spielerschutz Sigma, billi bbażat ruħha fuq l-emenda leġiżlattiva inkwistjoni.

Wara dan ir-rifjut, Spielerschutz Sigma fetħet azzjoni għad-danni kontra l-konsulent legali quddiem il-Qorti Kummerċjali ta' Vjenna (l-Awstrija), sabiex tikseb ir-rimbors tal-onorarji li ħallsitu għall-parir legali tiegħu u l-kumpens għad-danni li jirriżultaw mill-finanzjament tal-proċeduri mibdija bejn id-data li fiha ngħata dan il-parir u dik li fiha hija saret taf biċ-ċaħda tat-talba tagħha msemmija iktar 'il fuq. Peress li qieset li l-eżitu tat-tilwima jiddependi minn jekk il-konsulent legali wettaqx żball fl-evalwazzjoni tiegħu tal-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni Maltija mad-dritt tal-Unjoni, din il-qorti Awstrijaka adixxiet lill-Qorti tal-Ġustizzja b'diversi domandi preliminari.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija **inammissibbli**.

Il-proċedura għal deċiżjoni preliminari tikkostitwixxi strument ta' kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali, li permezz tiegħu l-Qorti tal-Ġustizzja tipprovdi lill-qrati nazzjonali l-punti ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni neċessarji għas-soluzzjoni tat-tilwim imressaq quddiemhom. Għalhekk, **il-qorti nazzjonali tista' tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja biss jekk ir-risposta għad-domandi magħmula tkun neċessarja sabiex tkun tista' tiddeċiedi l-kawża li jkollha quddiemha**.

Fil-fatt, għandu jkun hemm rabta bejn it-tilwima inkwistjoni u d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li l-interpretazzjoni tagħhom hija mitluba, b'tali mod li din tissodisfa bżonn oġġettiv għas-soluzzjoni ta' din it-tilwima. Din ir-rabta għandha

tkun reali u konkreta, u mhux purament ipotetika, teoretika jew spekulattiva.

Issa, għall-finijiet tal-eżami tal-assenza ta' diliġenza li allegatament wera l-konsulent legali fit-tfassil tal-parir legali inkwistjoni, għandu jsir magħruf, **konformement mad-dritt Awstrijak**, jekk dan il-parir huwiex tal-inqas **raġonevolment ġustifikabbli fid-dawl tal-kuntest ġuridiku u tal-informazzjoni disponibbli fiż-żmien meta ngħata**. Fil-fatt, jekk dan kien il-każ, b'mod partikolari jekk il-parir legali kien konformi ma' mill-inqas parti mill-ġurisprudenza jew mid-duttrina, ir-responsabbiltà tal-espert ma tkunx stabbilita.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li **l-legalità u l-eżekuzzjoni tajba tal-obbligi reċiproċi tal-partijiet fil-konsultazzjoni legali inkwistjoni huma indipendenti mill-kwistjoni tal-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni Maltija** kkonċernata **mad-dritt tal-Unjoni**.

Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li **l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni** li hija jkollha tagħti b'**risposta għad-domandi preliminari ma tissodisfax bżonn oġġettiv għas-soluzzjoni tat-tilwima inkwistjoni u**, għaldaqstant, **ma hijiex neċessarja għaliha**. Għalhekk, fl-assenza ta' rabta ma' din it-tilwima, id-domandi magħmula huma intiżi sabiex jiksbu opinjonijiet konsultattivi fuq punti ġenerali jew ipotetiċi.

TFAKKIRA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti lill-qrati tal-Istati Membri, fil-kuntest ta' tilwima li jkollhom quddiemhom, jagħmlu lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew dwar il-validità ta' att tal-Unjoni.

Il-Qorti Ġenerali għandha kompetenza sabiex tittratta t-talbiet għal deċiżjoni preliminari li jikkonċernaw eskluživament (1) is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), (2) id-dazji tas-sisa, (3) il-Kodiċi Doganali, (4) il-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda, (5) il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri f'każ li jiġu miċħuda milli jitilgħu abbord jew ta' dewmien jew kanċellazzjoni ta' servizzi tat-trasport jew (6) is-sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha kompetenza sabiex tittratta t-talbiet għal deċiżjoni preliminari l-oħra kollha.

La l-Qorti tal-Ġustizzja u lanqas il-Qorti Ġenerali ma jaqtgħu t-tilwima fil-proċedura nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tagħti soluzzjoni għall-kawża li jkollha quddiemha konformement mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja jew tal-Qorti Ġenerali. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li jkunu aditi bi problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-media, li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja. Il-preżentazzjoni tal-fatti u tal-kuntest ġuridiku tirrifletti s-sitwazzjoni fiż-żmien rilevanti u hija bbażata fuq il-proċess tal-kawża.

It-test sħiħ u, jekk ikun il-każ, is-sunt tas-sentenza huma ppubblikati fis-sit CURIA dakinhar li tingħata.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ✆ (+352) 4303 3355.

Immaġni tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "Curia Web TV" kif ukoll fuq "European Broadcasting Service" ✆ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!